MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 160/2013

Il-Pulizija
(Sp Jason Sultana)
vs
John Scicluna, iben Carmel Matthew, imwieled tas-Sliema fl-20 ta’ Ottubru, 1966, karta ta’ l-identita’ numru 434766(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-13 ta’ Frar, 2013 għal ħabta tal-11.30 p.m. ġewwa Triq Edgar Bernard, Gżira:
1. ikkometta serq ta’ fuel ta’ ammont li ma jeċċedix il-valur ta’ €232.94, liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta’ Ronald Abela, sid tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBN 428;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn €116.47 għad-dannu ta' Ronald Abela bħala sid tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBN 428.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------